MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 1358/1997/1

Rikors Nru:- 1358/97DM

Korporazzjoni TeleMalta u b'nota tat-22 ta' Jannar 1998 is-socjeta kummercjali Maltacom plc assumiet l-atti tal-kawza bhala cessjonarja tad-drittijiet indikati fl-avviz

Vs

Socjeta Micallef Offices Limited u b'digriet tas-6 ta' Marzu 1998 is-socjeta Cosm-Etica Ltd u Sandra Fradni gew kjamati in kawza

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghal hlas ta' somma ta' Lm285.14 (mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin u erbatax il-centezmu) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni man-numru tat-telefon 246028 (skond kif jirrizulta mill-anness 'statement' Dokument 'A'), liema servizz gie stallat fil-fond fuq imsemmi skond ma kif jidher mill-anness 'service

agreement' anness mal-avviz u mmarkat bhala Dokument B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Gunju 1996, it-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u l-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi :

1 It-talbiet tal-Korporazzjoni attrici ghandhom jigu michuda ghar-ragunijiet segwenti;

(a) Is-socjeta konvenuta, minkejja dak li jista' jirrizulta mid-dokumenti annessi ma' l-avviz qatt ma kienet l-intestatarju tal-linja tat-telefon 246028 u ghalhekk mhiex il-legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
(b) Il-linja tat-telefon 246028 qatt ma intuzat mis-socjeta konvenuta izda minn socjeta terza li kienet tokkupa l-fond fejn kien hemm il-linja telefonika in kwistjoni b'titolu ta' kera u li kienet din is-socjeta li iggib l-isem Cosm-Etica Ltd li hija responsabbli ghall-hlas tas-somma pretiz fl-avviz;
(c) In vista tal-premess l-eccipjenti tirrizerva d-dritt skond il-ligi li tintavola dawk il-proceduri previsti mill-Kap 12 sabiex titlob li s-socjeta Cosm-Etica Ltd tigi kjamata in kwistjoni;

2 Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti m'ghandha fl-ebda kaz tigi kkundannata thallas it-taxxa fuq il-valur mizjud stante li din it-taxxa ma kienetx fis-sehh fid-data tal-presentata ta' l-avviz;
3 Salvi eccezzjonijiet ohra;
4 Bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni attrici li minn issa tibqa imharrka ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Sandra Fsadni li giet kjamata in causa fejn eccepiet illi :

1 Mhix legittmu kontradittur stante illi l-kuntratt tat-telefon kien bejn il-Korporazzjoni u s-socjeta konvenuta u ma ebda relazzjoni;
2 Bhala fatt, l-eccipjenti, permezz ta' kuntratt ta' lokazzjoni datat l-ewwel (1) t'April 1992, kienet kriet minghand is-socjeta konvenuta Suite numru 3 fi 191 Triq Merkanti l-Belt, liema lokazzjoni giet sussegwentement terminata permezz ta' skrittura ohra ta' l-ewwel (1) ta' Settembru 1994 u s-servizz tat-telefon kien dejjem a nom tas-socjeta konvenuta anke pendente l-lokazzjoni (Dok A u B);
3 Il-korporazzjoni attrici dejjem zammet lis-socjeta konvenuta responsabbli ghall-pagamenti dovuti. U fi kwalunkwe kaz, l-eccipjenti tirreferi ghall-ittra mibghuta mill-istess korporazzjoni lill-konvenuti fejn dan jidher car (Dok C);
4 Permezz ta' ittra lill-Korporazzjoni attrici datata dsatax (19) ta' Settembru 1994 l-eccipjenti, peress li kienet se tohrog mill-fond mikri, kienet talbet biex is-servizz tat-telefon jigi sospiz (Dok D);
5 Fl-iskrittura ta' terminazzjoni tal-lokazzjoni l-partijiet ftehmu li ma kien hemm ebda pretenzjoni bejniethom – lanqas xi kontijiet pendenti tat-telefon;
6 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi f'xi zmien qabel l-1994, il-kumpanija attrici kienet istallat fil-fond Nru 3 fil-Blokk bin-numru 191 Merchants Street, il-Belt, linja tat-telefon bin-numru 246028.

Ma jirrizultax min kien ghamel it-talba apposita biex tigi moghtija din il-linja, izda mid-deposizzjoni tal-avukat Dr

Anton Micallef, jirrizulta illi dan il-fond kien qed jigi almenu amministrat mid-ditta Micallef Offices li, fil-fatt, fl-14 ta' Settembru 1994 ghamlet applikazzjoni ohra esibita a fol 3 (tal-process) sabiex din il-linja tigi ttrasferita ghal fuq isem din id-ditta.

Jirrizulta wkoll illi din id-ditta ma ghadiex tezisti u illi n-negozju taghha gie ttrasferit lill-kumpanija konvenuta Micallef Offices Limited, li effettivament kemm bil-pagament akkont li ghamlet, kif ukoll mill-korrispondenza l-ohra relattiva, assumiet ir-responsabbilta' ghall-obblighi Micallef Offices ghal dak li jirrigwarda r-relazzjonijiet mal-kumpanija attrici rigward il-linja telefonika in kwistjoni u dwar l-ammonti dovuti in konnessjoni mal-uzu ta' tali linja.

Jirrizulta wkoll illi, sa l-1 ta' Settembru 1994, din il-linja tat-telefon sa mill-1992, kienet ceduta lill-kumpanija Cosm-Etica Limited sabiex din taghmel uzu minnha fiz-zmien illi kienet qeghda tikri minghand il-konvenuti jew rapprezentanti taghhom, il-fond, Suite Nru 3, 191 Merchant Street, Valletta.

Din il-kumpanija, kjamata fil-kawza, illum rapprezentata minn Sandra Fsadni, kienet obbligat ruhha fil-kuntratt tal-lokazzjoni illi taghmel tajjeb ghal hlasijiet kollha dovuti ghal uzu tal-istess linja fiz-zmien tal-lokazzjoni.

Ma tirrizulta ebda kontestazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-korrettezza tal-bilanc li qeghedin jitolbu l-atturi in konnessjoni mal-uzu tal-istess linja, u lanqas ma tirrizulta kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-ammont mitlub qed jirreferri ghal perjodu qabel l-ahhar tas-sena 1994 u ghalhekk prezumibilment ukoll jinkludi perjodu li fih l-uzu tal-linja kienet f'idejn il-kjamati fil-kawza.

Ghalhekk jirrizulta ampjament id-debitu tal-kumpanija konvenuta lejn il-kumpanija attrici, izda dak illi ghandu jigi determinat huwa jekk, il-kjamati fil-kawza humiex tenuti, a bazi tal-imsemmi kuntratt tal-lokazzjoni, illi jghamlu tajjeb ghal dan il-kont jew parti minnhu f'kaz li jirrizulta illi l-kont jirreferi ghall-uzu minnhom tal-linja tat-telefon.

Jirrizulta illi almenu sal-1 ta' Lulju tas-sena 1994, l-ammont dovut lill-atturi eskluz il-kera tal-linja, kien ta' Lm357.70 (tlett mija u seba' u hamsin lira Maltin u sebghin centezmi) kif jirrizulta mill-kont, dokument SF 1 a fol 97 tal-process.

Minn dan l-ammont jirrizulta li thallset somma ta' Lm250 (mitejn u hamsin lira Maltin) li skond kif xehed Dr Anton Micallef, dan il-pagament kien maghmul biex jghamel tajjeb ghall-ispejjez ta' qabel l-1 ta' Settembru tal-1994.

Ghalhekk fl-aghar ipotesi, l-kjamati fil-kawza ma jistghux ikunu tenuti li jirrispondi ghal somma ta' iktar minn Lm107 (mija u sebgha liri Maltin) dwar l-uzu li ghamlu huma mill-linja in kwistjoni. Izda l-istess kjamati fil-kawza jssostnu illi huma xorta wahda ma jistghux ikunu tenuti responsabbli ghal xi pagamenti dwar l-istess linja telefonika, peress illi fit-terminazzjoni tal-lokazzjoni kienu iffirmaw skrittura mall-amministraturi tal-post, rapprezentati mill-istess avukat Dr. Anton Micallef, fejn kien gie ddikjarat illi l-partijiet kienu tterminaw dak il-hin stess il-lokazzjoni korrenti, fejn il-kjamati fil-kawza kienu kkonsenjaw ic-cwievet tal-fond mikri bit-telefon istallat go fih lill-avukat Dr Anton Micallef, u kienu ddikjaraw illi ma ghandhom ebda pretensjonijet fil-konfront ta' xulxin bil-kliem "*the parties declare that they have no furthur causes on claims against one another in respect of the above lease agreement.*"

Ghalhekk b'din l-iskrittura, l-partijiet iddikjarw irrevokabilment illi kienu sodisfatti mill-osservanza korretta tal-kundizzjonjiet kollha tal-lokazzjoni li ghalhekk jinkludu s-sodisfazzjoni tas-sidien illi l-inkwilini, kjamati fil-kawza, kienu osservaw sewwa wkoll il-klawsola numru 5 li tirrigwarda l-hlasijiet kollha in konnessjoni mal-uzu tal-linja telefonika in kwistjoni u li dawn kienu gew imhallsa mill-inkwilini.

Din l-iskrittura tal-1 ta' Settembru tal-1994 itterminat ghal kollox ir-relazzjonijiet esistenti bejn l-amministraturi tal-fond fejn kienet istallata l-linja u l-inkwilini u b'hekk dawn il-partijiet iddikjaraw li ma setghux jagixxu kontra xulxin

f'kwalunkwe materja li kienet tirrigwarda il-lokazzjoni gia' esistenti bejnithom.

Ghalhekk il-konvenuti illum ma jistghux jivvantaw xi pretenzjoni fil-konfront tal-kjamati fil-kawza illi tkun naxxenti eskluzivament minn dak il-kuntratt ta' lokazzjoni u ghalhekk ma jistghux, il-konvenuti, jippretendu minghand il-kjamati fil-kawza, ex inkwilini, kwalunkwe xorta ta' pagament jew kumpens li jirreferri ghal uzu mill-inkwilini tal-fond u l-attrezzi kollha li kien hemm go fih..

Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tirrespingi l-pretenzjonijiet tal-konvenuti fil-konfront tal-kjamati fil-kawza u konsegwentement tichad it-talba tal-atturi fil-konfront tal-kjamati fil-kawza.

Min-naha l-ohra, pero', jirrizulta illi s-socjeta konvenuta hija responsabbli lejn l-atturi ghal hlasijiet kollha li jirrigwardaw l-uzu tal-linja telefonika in kwistjoni u konsegwentement qieghdha tilqa t-talba attrici fil-konfront biss tas-socjeta konvenuta u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm285.14 (mitejn hamsa u tmenin lira Maltin u erbatax il-centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Gunju 1996;

Bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-kumpanija konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------